**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni tal-Familja**

**Magistrat Dr Brigitte Sultana LL.D., LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Seduta tal-lum 26 ta Frar, 2021**

**Rikors numru:- 15/2020 BS**

**AA**

**-vs-**

**BB**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' AA fejn esponiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar is-27 ta' Gunju 2008 gewwa Sichuan, fic-Cina;
2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ghandhom tifla u cioe' CC li twieldet gewwa l-Victoria (Rabat) Ghawdex nhar it-12 ta' Jannar 2012.

Illi l-partijiet huma legalment separati u dana permezz ta' kuntratt iffirmat bejn il-partijiet nhar is-16 ta' April, 2019 li kopja tieghu qed tigi annessa u markata Dokument A izda ilhom separati de facto ghal zmien ferm iktar minn hekk u sahansitra sa minn qabel l-2016 meta ttiehdu l-proceduri ghas-separazzjoni quddiem il-Qorti tal-Familja.

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante li minbarra li lhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

Ghaldaqstant, l-esponent umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat in-nota ta' l-intimat kien notifikat personalment bir-rikors u l-avviz ghas-smigh ta' kawza fis-16 ta' Lulju, 2020.

Rat illi minkejja t-trapass ta' kwazi seba' xhur minn tali notifika l-konvenut ma pprezenta l-ebda risposta u lanqas ma deher il-Qorti.

Rat ukoll illi fis-seduta tat-2 ta Frar, 2021, l-abbli difensur ta' l-attrici vverbalizza li wara li kellu l-kunsens tal-konvenut huwa kien qed jinforma l-Qorti li l-konvenut ma kienx ser jintavola risposta u li l-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tas-26 ta' Frar, 2021.

**Ikkunsidrat**.

Wara li rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li qieset it-talbiet ta' l-attrici, il-Qorti hija tal-fehma li l-kundizzjonijiet mehtiega ghad-divorzju gew kollha sodisfatti u dana ghar-ragunijiet segwenti:

a) Minn analizi ta' l-atti jirrizulta li l-partijiet isseparaw bonarjament b'kuntratt pubbliku fis-sena 2019 pero' mill-kuntratt ta' seprazzjoni[1] jirrizulta li l-partijiet ilhom separati *de facto* sa mill-2016.

b) Jirrizulta wkoll b'mod car mir-rikors guramentat li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli li jirrikonciljaw;

[1] Aa fol 4 sa fol 14 tal-process

c) Rat illi fl-istess kuntratt ta' separazzjoni l-partijiet iddikjaraw illi m'ghandhom jithallsu ebda alimenti lil xulxin u ghalhekk irrinunzjaw reciprokament ghal kull dritt ghall-alimenti spettanti lil xi parti kontra l-ohra u ghalhekk jirrizulta li llum ma hu dovut l-ebda manteniment lill-parti jew ohra skont il-ligi.

**Decide.**

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur